**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 8 T' APRIL, 2002**

**Numru: 22**

**Avviz Nru: 647/01 JB**

**The Catering Centre Company Ltd**

**vs**

**Nazzareno sive Reno Ciantar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,128.17c (elf, mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sbatax il-centezmu) import ta' sitt (6) kambjali skaduti li baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Settembru 2000 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fil-25 ta' Lulju 2001, u bl-imghax mid-data ta' l-iskadenzi tal-kambjali sal-pagament effetiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Adrian Micallef jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm 1,128.17c (elf, mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sbatax-il centezmu) import ta' sitt (6) kambjali skaduti li baqghu ma thallsux.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**